# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016**

**Numru 9**

**Rikors numru 19/08 AF**

**General Workers' Union**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Dawn huwa appell tal-Avukat Ġenerali mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-18 ta' Ġunju 2015 li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u, minflok, tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-*union* appellata.

L-ewwel Qorti fissret hekk ir-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha:

"…

"Permezz ta' dawn il-proceduri General Workers' Union qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara illi t-Tribunal Industrijali taht il-Kap. 452 jikser il-jedd ghal smigh xieraq kif sancit bl-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni.

"….

"Il-Qorti Ewropea, sabiex tiddetermina l-indipendenza o meno tat-Tribunal tikkonsidra s-segwenti:

"•il-mod ta' kif jinhatru l-membri

"•id-durata tal-hatra

"•il-garanzija minn pressjoni esterna

"•il-percezzjoni tal-indipendenza.

"Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz ta' Ringeisen vs Austria (16 ta' Lulju 1971) u Le Compte et vs Belgium (23 ta' Gunju 1981) Van Dijk, Van Hoof: "*These various characterestics of the notion of independence seem to fall into three categories. Firstly, the Tribunal must function independently of the executive (and the legislature) and base its decisions on its own free opinion about facts and legal grounds. Secondly, there must be guarantees to enable the court to function independently. As far as the latter requirement is concerned, it is not necessary that the judges have been appointed for life, provided that they cannot be discharged at will or on improper grounds by the authorities. The absence of a formal recognition of the irremovability of judges during their terms of office does not imply a lack of independence as long as it is recognised in fact and the other necessary guarantees are present. Thirdly, even a semblance of dependence must be avoided*."

"Il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tispecifika illi l-fatt li gudikant jigi mahtur mill-Gvern ma jfissirx nuqqas ta' indipendenza (Clarke vs U.K. – 25 August 2005), dan sakemm jezistu l-garanziji mehtiega ghall-independenza tieghu. Wahda minn dawn il-garanziji hija essenzjalment l-hekk imsejjha "security of tenure". Dan ma jfissirx li gudikant ghandu jibqa' hekk ghal dejjem, pero biss li jkollu garanzija li ma jitnehhiex mill-kariga tul il-perjodu li ghalih gie mahtur, anki jekk tali perjodu huwa

relattivament qasir (Campbell and Fell vs U.K. – 28 June 1984). Il-perjodu ta’ tlett snin huwa generalment meqjus bhala l-minimu rikjest.

“Fil-kuntest tal-imparzjalita` mehtiega f’gudikant, Van Djik u Van Hoof, fil-Ktieb taghhom fuq citat jghidu hekk: “*In testing whether a ‘Tribunal’ or judge has been prejudiced, the Court makes a distinction between a subjective and an objective approach to impartiality. The subjective approach refers to the personal impartiality of the members of the Tribunal involved; this impartiality is presumed as long as the contrary has not been proved*.” u “*The objective approach refers to the question of whether the way in which the Tribunal is composed and organised, or a certain coincidence or succession of functions of one or more of its members, may give rise to doubt as to the impartiality of the Tribunal or that member. If there is justified reason for such doubt, even if subjectively there is not concrete indication of bias of the person in question, this already amounts to an inadmissable jeopardy of the confidence which the court must inspire in a democratic society.”*

“Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-kazijiet Piersack (26 ta’ Ottubru 1984), De Lubber (22 ta’ April 1994) u Saraiva de Carvalho (26 ta’ Frar 2002) fost ohrajn.

“Applikat dan l-insenjament ta’ principji regolatorji gurisprudenzjali ghall-kaz odjern din il-Qorti ssib illi General Workers’ Union ghandha tinghata ragun. Il-Qorti wasslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet. Ghal dak li jolqot il-komposizzjoni tat-Tribunal, l-Art. 73 (5) tal-Kap.452 jipprovdi illi:

> *“(5) Fil-każi kollha li ma hemmx provdut dwarhom fis-sub (4) li fihom il-Gvern, jew xi korp jew kumpannija msemmija fl-artikolu 80(3), ikunu parti, it-Tribunal għandu jkun magħmul minn –*
> *(a) chairperson li jigi magħżul skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2);*
> *(b) membru magħżul miċ-chairperson tat-Tribunal milllista ta’ persuni nominati mit-trade unions kif preskritt fis-subartikolu (3)(b); u*
> *(c) membru li għandu jirrappreżenta l-interess tal-Gvern, jew tal-korp jew kumpannija involuta fit-tilwima ta’ xogħol, li tkun persuna maħtura ad hoc mill-Ministru.”*

“Minn dan jirrizulta car, ghalhekk, illi mhux talli l-membru tat-Tribunal jigi mahtur “ad hoc” mill-Gvern talli l-ligi tippreskrivi li ghandu jhares l-interess tal-istess gvern. Aktar minn hekk, l-Art. 80(1) tal-Kap. 452 jipprovdi illi:

> *“Fl-għoti ta’ kull sentenza, deċiżjoni jew parir, it-Tribunal għandu jqis il-politika soċjali tal-Gvern bażata fuq prinċipji ta’ ġustizzja soċjali u l-ħtiġiet ta’ kull pjan nazzjonali ta’ żvilupp u politika ekonomika oħra tal-Gvern li jkunu qed jiġu mwettqa, u għandu jara li jiġi żgurat li s-sentenza, iddeċiżjoni jew il-parir tiegħu igħinu t-twettiq ta’ kull politika u pjani bħal dawk.”*

"Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn iz-zewg provvedimenti huma bizzejjed biex ixejjnu kull hjiel ta' indipendenza u imparzjalita`, u dan fis-sustanza u mhux biss fil-percezzjoni. Union li tidhol fi proceduri mal-gvern tal-gurnata dwar tilwima mal-istess gvern tidhol f'dawn il-proceduri li jehtiegilhom jigu decizi minn persuna li l-ligi timponi fuqha li ghandha ssegwi l-politika ta' dik l-entità li maghha tezisti t-tilwima. Mhux talli l-ligi f'dan il-kuntest ma tiggarantix kontra "outside pressures" kif timponi kontinwament il-Qorti Ewropea, talli hija l-istess ligi li timponi listess "outside pressures".

"Il-Qorti tirreferi ghall-kaz Langborger vs Sweden (2 ta' Gunju 1989) fejn il-Qorti sabet ksur abbazi ta' biza fondat li l-interessi ta' zewg assessuri fuq Housing and Tenancy Court kienu kontrarji ghal dak tal-parti fit-tilwima. Il-Qorti sabet dan minkejja l-Imhallef kellu "casting vote".

"Fil-qadi tal-funzjonijiet taghhom, il-membri tat-Tribunal Industrijali ma jgawdu ebda "security of tenure". Chairperson tat-Tribunal jigi mahtur ghal perjodu massimu ta' tlett snin, liema perjodu jista' jiggedded skond ir-rieda tal-Ministru. Issa l-perjodu ta' tlett snin gie meqjus mill-Qorti Ewropea bhala l-aqsar perjodu li jista' jiggarantixxi indipendenza jekk u meta jezistu l-garanziji l-ohra msemmija mill-istess Qorti. Din il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-kazijiet ta' Campbell & Fell vs U.K., citat aktar 'il fuq.

"Madankollu fil-kaz tat-Tribunal Industrijali, Chairperson huwa protett biss ghall-procedimenti mibdija quddiem, stante li l-Art 73(6) tal-Kap. 452 jipprovdi illi:

> *"(6) Il-Prim Ministru jista', minn żmien għal żmien, kif jidhirlu xieraq u wara konsultazzjoni kif provdut fissubartikolu (2), jibdel l-għamla tal-lista msemmija f'dak ilparagrafu, iżda persuna li fil-fatt tkun qed isservi ta' chairperson tat-Tribunal għandha, minkejja t-tneħħija ta' isimha minn fuq il-lista, tibqa' hekk isservi fil-proċedimenti li fihom tkun qed isservi bħala chairperson sakemm jintemmu dawk il-proċedimenti u għall-fini talinterpretazzjoni ta' kull sentenza mogħtija fihom."*

"Is-subartikolu (7) ikompli:

> *"(7) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, kif jidhirlu xieraq, jitlob nomini ġodda mingħand trade unions, assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (3)(b), u jista' jbiddel l-għamla tal-listi msemmija f'dak is-subartikolu skont hekk, iżda ebda persuna li fil-fatt tkun qed tagħmilha ta' membru tatTribunal ma għandu jkollha isimha mneħħi mil-lista sakemm ikun hemm pendenti quddiem it-Tribunal proċedimenti li dwarhom tkun ġiet magħżula bħala membru."*

"General Workers' Union qeghda tilmenta wkoll illi l-prassi tatTribunal li jitlob pariri minghand persuni barranin, liema pariri jinghataw bil-maghluq

minghajr ebda skrutinju permess lillpartijiet fit-tilwima. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Gonzi vs Malta Drydocks Corporation (27 ta' Ottubru 2004) irriteniet illi:

> *"Bordijiet u Tribunali li jkollhom attribuzzjonijiet u funzjonijiet decizjonali ma jistghux, fl-espletament ta' dawk l-istess attribuzzjonijiet u funzjonijiet, jinjoraw il-principji bazici ta' gustizzja naturali. Ghall-kuntrarju, hu anzi mistenni minnhom li jirrispettaw dawn l-istess principji li, proprju ghax fundamentali, jintitolaw lil kull parti filprocediment li jkollha l-opportunità li tiddefendi l-kaz taghha u taghmel is-sottomissjonijiet kollha taghha."*

"Il-Qorti Ewropea konsistentement sahqet fuq il-principju ta' "equality of arms" u "adverserial proceedings" bhala wiehed mill-fatturi inkorporati fid-dritt ghal smiegh xieraq. Kif irriteniet fil-kaz Ruiz Mateos vs Spain (23 ta' Gunju 1993), id- dritt ta' "adverserial proceedings" jaghti lill-parti fi proceduri iljedd li jkun jaf u jikkontrolla kull element li jqis il-korp aggudikattiv sabiex jasal ghad-decizjoni tieghu.

"Fil-kaz ta' T.P. and K.M. vs the United Kingdom (10 ta' Mejju 2001) il-Qorti Ewropea irriteniet illi l-awtoritajiet kien messhom urew lil omm il-filmati li wassluhom biex icahhduha mill-kura u kustodja ta' binha. Fil-kaz Kramar vs the Czech Republic, il-Qorti Ewropea sabet li l-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Ceka kienet kissret id-dritt ghal "adverserial proceedings" meta kienet gabret minn jeddha xhieda li fuqha sussegwentement sejset id-decizjoni taghha (3 ta' Marzu 2000).

"Fil-kaz odjern, Vincent Micallef, u Noel Vella, Segretarju tat-Tribunal Industrijali xehed illi t-Tribunal ta' spiss jirreferi ghall-pariri lil persuni estraneji (ara xhieda a fol. 53). Huwa jispjega kif meta l-hatra tkun ta' espert tekniku din tigi verbalizzata flatti tal-proceduri koncernati. Mhux l-istess isir dwar pariri ohra inkluz pariri legali li jkun kiseb it-Tribunal. L-istess Registratur jikkonferma li hu jkun sar jaf bihom meta jirceivi l-invoice ghall-hlas. Huwa infatti pprezenta fl-atti ta' dawn il-proceduri (fol. 29 et seq.) lista ta' madwar 100 kaz fejn it-Tribunal kiseb pariri minn estraneji. Minn dawn hamsa biss gew registrati li ddahhlu fl-atti tal-kaz.

"Minn dan ghalhekk jirrizulta li ukoll f'dan l-aspett it-Tribunal Industrijali qieghed jonqos milli jiggarantixxi lill-partijiet quddiem smiegh xieraq skond l-Art. 6 tal-Konvenzjoni u dan peress illi l-istess Tribunal qieghed jistrieh fuq pariri u opnijonijiet minghajr ma jaghti l-partijiet opportunità li jikkumentaw dwarhom.

"Finalment minkejja li l-Qorti tifhem u tapprezza li fi proceduri rigwardanti lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq ghandhom jigu meqjusa c-cirkostanzi u fatturi kollha madwar il-proceduri, il-Qorti qieset ukoll li l-konsiderazzjonijiet taghha kif hawn fuq spjegati tassumi rilevanza ulterjuri meta wiehed iqis li d-dritt ta' appell minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali

hija limitata ghal punt ta' dritt.

"Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali, tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-kostituzzjoni u kompozizzjoni tat-Tribunal Industrijali taht l-att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta) ma jiswiex ghaliex jikser id-dritt ghal smiegh xieraq, senjatament stante li ma jharisx dak li jghidu l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

"…."

**<u>Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali (07.07.2015)</u>**

L-Avukat Ġenerali ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

L-aggravji tiegħu huma dawn:

<u>L-ewwel aggravju</u>: *l-intempestivita` tal-kawża*

L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta ma kkonsidratx li f'kuntest ta' allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq l-azzjoni ttentata mill-Union appellata hija waħda prematura u intempestiva. Jispjega li l-proċeduri li minnhom qed tilmenta l-Union appellata għadhom pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali u għalhekk huwa inkonċepibbli li f'dan l-istadju ssir l-evalwazzjoni neċessarja tal-garanziji kostituzzjonali u konvenzjonali peress li tali evalwazzjoni tista' ssir meta l-proċess ikun

mitmum u b'referenza għall-proċess fl-intier tiegħu. Jispjega li dan l-aggravju tiegħu hu msejjes fuq it-tagħlim tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u jirreferi għall-kawża **Muscat Joseph v. Malta** (69119/10 deċiża fis-06.09.2011).

Jgħid li anke jekk l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 jipprovdu li lament kostituzzjonali jew konvenzjonali jista' jitqajjem f'każ li jkun inkiser, qed jinkiser jew x'aktarx sejjer jinkiser xi dritt fundamentali, fil-fehma tiegħu il-*union* appellata ma tistax titqies bħala vittma ta' ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq għaliex l-allegat ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq jiddetta li l-evalwazzjoni tal-proċedura li minnha jkun qed isir il-lament tiġi evalwata fit-totalita` tagħha.

<u>It-tieni aggravju</u>: *l-analiżi limitata tal-ewwel Qorti*

L-appellant jilmenta li l-uniku analiżi li għamlet l-ewwel Qorti kienet biss li iffukat fuq is-subinċiż (5) tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 452 moqri mal-Artikolu 80(1) tal-istess Kapitolu mingħajr ma ħadet in konsiderazzjoni l-artikoli kollha li jirregolaw it-Tribunal. Jispjega li l-Qorti ma ikkonsidratx il-lamenti tal-*union* appellata li ġew miġjuba lilha fir-rikors kostituzzjonali iżda ddeċidiet li tqis biss ilment wieħed u cioe` l-allegat nuqqas ta' imparzjalita` u indipendenza, u tieqaf hemm. Jgħid li l-ewwel Qorti ma setgħetx

tikkonkludi li kien hemm leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq fuq analiżi daqshekk ridotta.

It-tielet aggravju: *żball ta' interpretazzjoni tal-artikoli tal-Kap 452*

L-appellat isostni li l-ewwel Qorti kienet żbaljata dwar kif interpretat l-artikoli tal-Kapitolu 452 u ikkonludiet li kien hemm leżjoni tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Josserva li l-ewwel Qorti iffokat is-sentenza tagħha fuq l-Artikolu 73(5) (dwar il-kompożizzjoni tat-Tribunal) u fuq l-Artikolu 80(1) u jaċċenna għal dik il-parti fejn qalet li "*mhux talli membru tat-Tribunal jiġi maħtur 'ad hoc' mill-Gvern, talli l-liġi tippreskrivi li għandu jħares l-interessi tal-istess Gvern*" u li "*l-liġi f' dan il-kuntest ma tiggarantix kontra 'outside pressures' kif timponi kontinwament il-Qorti Ewropea, talli hija l-istess liġi li timponi l-istess 'outside pressures'*". Jilmenta li kienet żbrigattiva l-ewwel Qorti meta ddeċidiet li dan iwassal għall-ksur tal-garanziji tad-dritt għal smigħ xieraq.

Huwa jispjega li persuna li "tħares l-interessi tal-Gvern" ma jfissirx li dik il-persuna ikunu x'ikunu l-fatti dejjem tiddeċiedi favur il-Gvern, iżda persuna li minħabba l-passat u l-isfond tagħha tkun f'pożizzjoni li tapprezza l-fatti tat-tilwima ukoll mil-lenti tal-Gvern. Jgħid li bl-istess mod, l-Artikolu 74(5)(*b*)

jipprovdi li membru jinħatar mill-*panel* ta' persuni nominati mill-*unions* u dan biex ikollu *background* ta' trejdunjoniżmu u b'daqshekk ma jfissirx li se jagħti raġun lit-*trade union*. Jargumenta li l-ewwel Qorti iffukat fuq l-Artikolu 73(5)(*ċ*) mingħajr ma ikkonsidrat li dan huwa bilanċjat mal-Artikolu 73(5)(*b*).

Huwa jsostni li t-Tribunal Industrijali stabbilit taħt il-Kap. 452 jissodisfa r-rekwiżiti kollha tas-smigħ xieraq imposti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni u li qed iwettaq il-funzjonijiet *ex lege*.

Ikompli jgħid li mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 452 jidher bl-aktar mod ċar u inekwivoku li t-Tribunal huwa munit b'indipendenza u imparzjalita` kif irid l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Isostni li l-ewwel Qorti kienet erronja meta qieset li ma hemmx *security of tenure* adegwat għax il-Ministru jista' jneħħi membru tat-Tribunal minn fuq il-*panel* wara li l-Ministru jikkonsulta mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali. Jispjega li l-ewwel Qorti injorat il-fatt li l-varjazzjoni tal-kompożizzjoni tal-*panels* tista' ssir biss relattivament għal-lista u ma tolqotx każijiet li jkunu qegħdin jinstemgħu mill-membru partikolari għax f'dawk il-każijiet partikolari l-membri kollha inkluż iċ-*chairperson* igawdu mis-*security of tenure*. Jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti injorat il-fatt li meta

tiġi varjata l-lista il-Ministru ma jaġixxix waħdu iżda għandu l-obbligu li jikkonsulta mal-kunsill.

Iżid jgħid li l-Kapitolu 452 jipprovdi garanziji kemm dwar il-ħatra ta' *chairpersons* u l-membri, kemm dwar it-tneħħija tagħhom u kemm dwar it-tmexxija tal-proċeduri quddiem it-Tribunal biex iħarsu l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-istess.

Dwar l-Artikolu 80(1) tal-Kap. 452 jgħid li minkejja dak li jgħid dan l-artikolu t-Tribunal mhux prekluż li jmur kontra l-politika soċjali u ekonomika tal-Gvern iżda huwa obbligat biss li "jqisha" fid-deċiżjonijiet tiegħu. Isostni li mhux minnu li, kif qalet l-ewwel Qorti, hemm xi dettar da parti tal-leġiżlatur fis-sens li t-tilwima trid tiġi deċiża favur il-Gvern u allura timponi "*outside pressures*" li jinkwinaw id-dritt tas-smigħ xieraq.

L-appellant jaċċenna wkoll għall-kumment tal-ewwel Qorti li t-Tribunal "*jistrieħ fuq pariri u opinjonijiet mingħajr ma jagħti l-partijiet opportunita` li jikkummentaw dwarhom".* Jilmenta li l-ilment imqajjem mill-*union* appellata kien wieħed purament ipotetiku għax ma nġabet l-ebda prova li fil-każ odjern ittieħed xi parir legali barra l-kawża. Isostni li l-Qorti ma tistax tiddeċiedi *in vacuo*.

Finalment jissottometti li kienet żbaljata l-ewwel Qorti ukoll meta ikkonkludiet li n-nuqqasijiet ravviżati kombinati mal-fatt li d-dritt ta' appell minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali huwa limitat għal punt ta' dritt twassal għal vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq. Jgħid li l-proċedura stipulata fil-Kap. 452 diga` tipprovdi garanziji ta' smigħ xieraq u għalhekk mhux rikjest mill-Art. 6 tal-Konvenzjoni u mill-Art. 39 tal-Kostituzzjoni li jkun hemm bilfors dritt ta' appell. Iżid jgħid li minkejja li dawn l-artikoli ma jimponux dan ir-rekwiżit, l-Artikolu 82 tal-Kap. 452 jaħseb għall-possibilita` ta' appell fuq punt ta' dritt. *In oltre* jgħid li l-prinċipju ta' dritt għal aċċess għall-qrati mhux dritt assolut. Jagħmel riferenza f'dan ir-rigward għas-sentenza fl-ismijiet **Berger v. Franza** deċiża mill-Qorti Ewropea fil-21 ta' Mejju 2003.

**<u>Risposta tal-appell tal-*General Workers' Union* (24.07.2015)</u>**

L-*union* appellata wieġbet biex tgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

<u>Dwar l-allegata intempestivita`</u>

Il-*union* appellata fir-rigward ta' dan l-aggravju tgħid li l-lanjanza prinċipali tagħha ma tinkwadrax ruħa esklussivament fil-kuntest tat-tilwima **GWU v. Enemalta Corporation** (2499JB). Tispjega li l-lanjanza tagħha tmur *oltre*

mill-proċeduri anke jekk dawn kienu l-punt tat-tluq. Tgħid li rrispettivament mill-proċeduri huwa l-*modus operandi* tat-Tribunal innifsu, l-mod ta' kif jittieħdu l-pariri minn wara l-kwinti ad insaputa tal-partijiet, il-mod ta' kif jiġu maħtura persuni biex jiġġudikaw il-każijiet u l-komposizzjoni tal-istess Tribunal (fost oħrajn) li qegħdin jiġu attakkati. Targumenta li kieku wieħed kellu jistenna li l-proċeduri jiġu mitmuma biex titqajjem il-lanjanza, t-tilwima tkun deċiża definittivament minn Tribunal li ma jirrispekkax id-dritt ta' smigħ xieraq u ma jkun hemm l-ebda rimedju possibbli peress li appell għal deċiżjoni minn tilwima ma jeżistix.

Iżżid tgħid li l-kawża **Muscat Joseph v. Malta** (69119/10) deċiża fis-06.09.2011 ċitata mill-appellant mhix rilevanti għall-mertu ta' dawn il-proċeduri. Tispjega li fl-ewwel lok il-mertu tal-proċeduri odjerni ma huwiex biss dwar il-proċeduri tat-tilwima bejn il-GWU u l-Enemalta quddiem it-Tribunal Industrijali, kuntrarjament għall-kawża **Muscat v. Malta**, u fit-tieni lok għaliex il-kwistjoni kollha diskussa f'tali proċeduri (tal-Arbitraġġ) m'għandhiex x'taqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni. Tilmenta li l-paragun mhux wieħed "*like with like*".

<u>Dwar l-allegata analiżi limitata tal-ilmenti u motivazzjoni limitata tal-ewwel Qorti:</u>

Il-*union* appellata issostni li s-sentenza appellata għandha motivazzjonijiet u konsiderazzjonijiet biżżejjed li jwasslu mhux biss lill-partijiet iżda lil kull qarrej li jaqra s-sentenza għall-konklużjoni dwar x'wassal lill-istess Qorti għad-deċiżjoni tagħha. Dwar l-ilment tal-appellant li l-ewwel Qorti iddeċidiet biss li tqis wieħed mill-allegati nuqqasijiet ta' imparżjalita` u indipendenza, dan ma jreġix. Fi kwalunkwe każ tghid li anke kieku hekk kien il-każ, jekk ilment wieħed iwassal lill-istess Qorti għall-konvinċiment morali li hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq (kif fil-fatt kien il-każ) allura kienet korretta li tasal għad-deċiżjoni tagħha, għaliex mhux rikjest li jkun hemm ksur ta' kull aspett li ssemmi l-*union* biex jiġi dikjarat li hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq. B'aspett wieħed li jwassal għall-ksur ta' tali dritt, ifisser li l-proċess kollu huwa monk.

Tgħid ukoll li mhux neċessarju li f'sentenza Qorti tikteb kull aspett u kull punt li jkun wassalha għad-deċiżjoni tagħha: dak li hu importanti hu li l-partijiet jifhmu r-raġuni għala ġie deċiż dak li ġie deċiż. Tirreferi għal xi deċiżjonijiet li juru b'mod ċar li m'hemmx ħtieġa li sentenza tkun tinkludi xi motivazzjoni li tmur *oltre* l-bażiku. Taċċenna wkoll għall-fatt li minkejja li l-appellant ilmenta li s-sentenza kellha analiżi u motivazzjoni limitata huwa mhux qed jikkontendi li s-sentenza hija nulla, u għalhekk għandha titqies li għandha r-rekwiżiti neċessarji u li hija valida u legali. Targumenta li ladarba mhux qed jitlob li l-atti jerġgħu jintbagħtu lura quddiem l-ewwel

Qorti minħabba nuqqas ta' motivazzjoni, dan ifisser li l-appellant stess fil-verita` ma jemminx fl-aggravju tiegħu.

<u>Dwar l-allegat żball ta' interpretazzjoni tal-artikoli tal-Kap. 452.</u>

Dwar l-argument tal-appellant dwar tal-Artikolu 73(5) tal-Kap. 452 fejn jgħid li l-liġi stess timponi *outside pressures* fuq kull membru tat-Tribunal, il-*union* appellata tgħid li l-uniku obbligu li effettivament issemmi l-liġi huwa dak li membru tat-Tribunal għandu jħares l-interess tal-Gvern. Tilmenta li dan l-obbligu huwa impost biss fuq membru wieħed għaliex l-ebda membru ieħor m'għandu obbligu ekwivalenti lejn xi entita` jew grupp ieħor. Tgħid li ma hemm xejn bilanċjat f'Tribunal fejn wieħed mill-membri huwa legalment kostrett li jara u jassigura l-interessi tal-Gvern filwaqt li l-membri l-oħra m'humiex marbutin b'xi forma ta' obbligazzjoni li tista' tkun fuq l-istess livell.

Dwar l-aspett tan-nuqqas tas-*security of tenure*, u l-argument tal-Avukat Ġenerali li dan jeżisti għaliex il-persuni li jaġixxu ta' *chairpersons* iżommu posthom sakemm itemmu dawk il-proċedimenti li jkunu involuti fihom, il-*union* appellata tgħid li *security of tenure* ma jfissirx li chairperson jibqa' jokkupa dik il-kariga sakemm jinqata' dak il-każ li jkun beda taħtu, iżda jfisser li l-istess *chairperson* għandu biżżejjed *security* li permezz tiegħu tiġi mwarrba kull forma ta' imparzjalita`.

Hija tgħid li kellha raġun l-ewwel Qorti meta sabet li l-ħatra taċ-*chairperson* mill-*Ministru* għal perjodu ta' tliet snin (li jista' jiġi mġedded) huwa żmien qasir ħafna biex wieħed jgħid li għandu *security of tenure*, *in vista* tal-kawża **Campbell & Fell v. UK** deċiża fit-28 ta' Ġunju 1984. Tkompli targumenta li l-fatt li l-istess Ministru għandu l-poter ineħħi tali membri mil-lista ta' *chairpersons* u mil-lista tal-membri mingħajr ħtieġa li jagħti raġuni jkompli jpoġġi lill-istess membru f'sitwazzjoni fejn il-ħatra tiegħu tant hija marbuta mal-istess Ministru u soġġetta għad-diskrezzjoni tiegħu li dan ineħħi l-kunċett ta' indipendenza. Tispjega li għalkemm il-Ministru irid jikkonsulta mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali biex itemm ħatra, il-Ministru ma għandu bżonn il-kunsens ta' ħadd. Targumenta li allura membru ser ikun propens jew għallinqas inklinat ixaqleb id-deċiżjoni tiegħu favur il-Ministru u l-Gvern li ħatru anke jekk inkonxjament, għaliex inkella ser jieħu riskju li ma jkunx hemm okkażjoni oħra fejn jerġa' jinħatar jew li ż-żmien tiegħu jiġġedded.

Dwar il-pariri estranji għall-każ

Il-*union* appellata tgħid li mhux veru dak li jgħid l-Avukat Ġenerali u cioe` li din il-kwistjoni (dwar il-pariri) hija waħda ipotetika, għaliex fil-fatt tressqu xhieda li ikkonfermaw il-passi li jittieħdu pariri legali u li tali pariri jkunu ttieħdu mingħajr ma l-partijiet ikunu konxji minnhom u mingħajr ma

jingħataw l-opportunita` li jistaqsu mistoqsijiet jew jagħmlu kjarifiki, kif anke jirriżulta minn qari tas-sentenza. Taċċenna wkoll għar-riferenza li għamlet l-ewwel Qorti fir-rigward tax-xiehda ta' Vincent Micallef u Dr Noel Vella.

Il-Union tilmenta li l-pariri tal-esperti quddiem it-Tribunal Industrijali jittieħdu minn wara dahar il-partijiet u għalhekk ix-xenarju mhux bħal dak quddiem il-qrati ċivili fejn m'hemm l-ebda element ta' sorpriża dwar l-esperti jew il-pariri li jistgħu jingħataw. Taċċenna għall-fatt li l-unika prova jew aċċenn għal tali esperti jew pariri legali li jistgħu jingħataw minn terzi, u li dwarhom il-partijiet ma jkunux jafu, hija l-*invoice* li tkun ħarġet għall-ħlas ta' tali servizzi li tintbagħat lit-Tribunal innifsu. U jekk l-*invoice* ma tkunx waslet għand it-Tribunal, il-partijiet jibqgħu fl-għama dwar il-parir, min tah, u fuq kollox mingħajr il-possibilita` li jargumentaw jew jirribattu tali parir jew li joġġezzjonaw għall-imparzjalita` tal-persuni li jkunu taw il-parir.

Il-*union* tagħmel riferenza għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'**GWU v. Bank of Valletta Plc** deċiża nhar il-11 ta' Lulju 2011 u tispjega li f'dan il-każ il-*union* kienet ilmentat li t-Tribunal Industrijali kien ħa pariri mingħand żewġ esperti mingħajr ma kienu jafu l-partijiet. Il-Qorti kienet qalet li s-sentenza tat-Tribunal kienet nulla mhux biss għaliex ma kinitx ġiet osservata l-proċedura iżda għaliex kien inkiser il-prinċipju tal-ġustizzja naturali – *audi alteram partem* – u dan għaliex iż-żewġ partijiet ma

kellhomx leħen fil-proċedura.

Il-*union* tgħid li anke fejn tinħareġ *invoice* lit-Tribunal u f'dawk l-okkażjonijiet fejn il-każ jiġi diskuss mal-membri tal-istess Tribunal b'mod informali, il-partijiet jispiċċaw f'sitwazzjoni fejn mhux biss ma jkollhomx kontroll fuq dak li qed jingħad iżda wkoll fejn persuna estranja għall-każ tagħhom tagħti l-opinjoni tagħha li jista' jkollha influwenza kbira fuq it-Tribunal. Anke jekk huwa biss parir, il-*union* issaqsi: x'inhi l-probabilita` li t-Tribunal jinjora dak il-parir?

<u>Dwar in-nuqqas ta' appell</u>

Il-*union* tirreferi għall-argument tal-Avukat Ġenerali li l-proċedura stipulata fil-Kap. 452 diga` tipprovdi l-garanziji għal smigħ xieraq u għalhekk mhux rikjest mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li jkun hemm appell bilfors iżda jsostni li hemm appell limitat fuq punt ta' liġi. Il-*union* tosserva li l-Avukat Ġenerali jargumenta bl-istess mod kemm fir-rigward tar-rikors tal-appell odjern u kif ukoll fir-rigward ta' dak bir-riferenza numru 20/2008, iżda hemm differenza bejn proċeduri ta' tkeċċija allegatament inġusta jew diskriminazzjoni, u proċeduri ta' tilwima. Dan tgħidu għaliex għalkemm fil-każ ta' tkeċċija allegatament inġusta jew diskriminazzjoni hemm appell fuq punt ta' dritt, is-sitwazzjoni hija ferm

agħar fil-kwistjoni tat-tilwima peress li ma hemm l-ebda appell minn deċiżjoni dwar tilwima. Issostni li apparti l-fatt li appell limitat u fuq punt ta' dritt biss ma jiggaranitxxix smigħ xieraq, il-fatt li f'proċedura ta' tilwima ma hemm l-ebda appell ġie skartat kompletament mill-Avukat Ġenerali.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

Il-Qorti tosserva qabel xejn illi, għalkemm fit-tweġiba tiegħu għar-rikors kostituzzjonali l-Avukat Ġenerali ressaq l-eċċezzjoni illi l-każ tallum ma huwiex dwar drittijiet jew obbligi ċivili, u għalhekk ma jintlaqax mill-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni, u din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda mill-ewwel Qorti, fir-rikors tal-appell ma tressaq ebda aggravju dwar iċ-ċaħda ta' din l-eċċezzjoni u għalhekk, minkejja kull dubju li jista' jkollha din il-Qorti dwar jekk il-każ huwiex tassew dwar drittijiet u obbligi ċivili, ma hija sejra tagħmel ebda kumment ieħor dwar din l-eċċezzjoni, u sejra tgħaddi għall-konsiderazzjoni tal-aggravji tal-appell.

Dwar jekk l-azzjoni hijiex intempestiva

L-Avukat Ġenerali jilmenta li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta ma ikkonsidratx li f'kuntest ta' allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq l-azzjoni ttentata mill-*union* hija waħda intempestiva peress li l-proċeduri li minnhom qed tilmenta l-istess Union (**GWU v. l-Enemalta Corporation –**

**2499JB** – fuq tilwima tax-xogħol dwar allegazzjoni ta' ksur ta' ftehim li kien iffirmat bejn il-partijiet fis-sena 2002 fir-rigward ta' Stephen Leonardi, membru tal-*union*,) għadhom pendenti.

L-Avukat Ġenerali jargumenta li stħarriġ dwar allegazzjoni ta' ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq jitlob li l-evalwazzjoni tal-proċedura li minnha jkun qed isir lament titqies fit-totalita` tagħha. Jgħid li huwa inkonċepibbli li f'dan l-istadju ssir l-evalwazzjoni neċessarja tal-garanziji kostituzzjonali u konvenzjonali peress li tali evalwazzjoni tista' ssir biss meta l-proċess ikun mitmum ladarba l-evalwazzjoni trid issir b'riferenza għall-proċess fl-intier tiegħu.

Huwa jirreferi għad-deċiżjoni mogħtija f'**Muscat Joseph v. Malta** (69119/10) li ġiet deċiża fis-06.09.2011 biex juri li l-punt tiegħu li l-evalwazzjoni tal-garanziji kostituzzjonali u konvenzjonali trid issir b'riferenza għall-proċess fl-intier tiegħu huwa msejjes fuq it-tagħlim tal-Qorti Ewropea. Dan kien każ fejn l-applikant kien involut f'incident awtomobilistiku u kienet saret kawża għad-danni kontrieh b'arbitraġġ. Kien ilmenta li s-sistema tal-arbitraġġ mandatorju għal dak li jirrigwarda kolliżjonijiet stradali jilledi d-dritt għal smigħ xieraq minħabba nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita`. Waqt li l-proċess kien għadu pendenti huwa fetaħ kawża kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn instab li kellu raġun. Il-Qorti Kostituzzjonali pero` qalbet id-deċiżjoni u sabet li ma

kienx hemm parzjalita`. Meta ressaq il-każ tiegħu fil-Qorti Ewropea din iddikjarat l-applikazzjoni tiegħu bħala inammissibbli minħabba li ma kienx eżawrixxa r-rimedji domestiċi. "*The court concludes that although the applicant has made full use of the constitutional remedies available to him in the domestic system, the proceedings at issue are still pending. Accordingly the applicant's complaints about fairness (independence and impartiality) are premature and, as such, inadmissible for non-exhaustion of domestic remedies, pursuant to Article 35§§1 and 4 of the Convention (see Cvetković v Serbia, no 17241/04, §§55, 10 June 2008 and Cundrič v Slovenia, no 57566/00 (dec.), 12 June 2003). For these reasons, the Court unanimously declares the application inadmissible*."

Waqt illi taħt il-Konvenzjoni l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma għandhiex is-setgħa illi tqis allegazzjoni dwar ksur ta' drittijiet fondamentali qabel ma min iressaq l-ilment ikun inqeda bir-rimedji domestiċi kollha[1], taħt il-Kostituzzjoni u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili "*tista'*, jekk tqis li jkun desderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha ... f'kull każ meta tkun sodifatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli ... skont xi liġi oħra". Huwa għalhekk imħolli fid-diskrezzjon`i tal-Prim'Awla – dejjem fil-

[1] L-art. 35.1 tal-Konvenzjoni jgħid hekk: "Il-Qorti tista' titratta kwistjoni biss wara li r-rimedji nazzjonali kollha jkunu ġew eżawriti, skont ir-regoli ġeneralment rikonoxxuti tal-liġi internazzjonali … … .."

parametri stabbiliti fil-ġurisprudenza – li tagħżel "li teżerċita s-setgħat tagħha" wkoll meta min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju, u meta l-Prim'Awla tagħżel li tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha l-Qorti Kostituzzjonali bħala regola ma tiddisturbax dik l-għażla ħlief meta tkun manifestament ħażina jew meta hekk ikun meħtieġ biex il-proċeduri kostituzzjonali ma jiġux trivalizzati[2].

Din il-Qorti tapprezza illi jkun ta' ostakolu għall-effiċjenza tal-ġustizzja u tal-amministrazzjoni pubblika jekk, malli titressaq kawża b'allegazzjoni li l-proċess quddiem tribunal jew korp imwaqqaf b'liġi huwa bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, dak it-tribunal jew korp ma jkunx jista' jibda jwettaq id-dmirijiet tiegħu qabel tinqata' dik il-kawża jekk il-Prim'Awla wisq faċilment tagħżel li tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha flok tistenna li jintemmu l-proċeduri quddiem dak it-tribunal jew korp biex tqis il-proċess fl-intier tiegħu[3].

Madankollu, il-Qorti tifhem ukoll illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum ikun aktar xieraq illi l-aggravju dwar rimedju ordinarju ma jintlaqax, u illi l-appell jinstema' wkoll fil-meritu, partikolarment <u>billi d-difett allegat fl-istruttura tat-Tribunal jibqa' jipperdura jkun xi jkun l-eżitu tal-proċeduri quddiem it-</u>

---

[2] Ara e.g. **Mario Vella v. Joseph Bannister nomine**, Kost. 7 ta' Marzu 1994.
[3] Ara e.g. **Joseph Fenech v. Awtorita` tal-Ippjanar et**, Kost. 9 ta' Novembru 2012.

<u>Tribunal u wkoll</u> għax ma jkunx għaqli illi jitkompla proċess meta hemm sentenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali li tgħid illi dak il-proċess huwa bi ksur ta' jeddijiet fondamentali.

Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

<u>Dwar l-allegata analiżi limitata tal-ilmenti u motivazzjoni limitata tal-ewwel Qorti</u>

L-Avukat Ġenerali jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet analiżi limitata ħafna tal-ilmenti li nġabu quddiemha u tant hu hekk li l-motivazzjoni hija waħda limitata immens. Huwa jilmenta li għalkemm l-ewwel Qorti iddikjarat li l-kostituzzjoni u l-kompożizzjoni tat-Tribunal Industrijali ma jħarsux id-dritt għal smigħ xieraq, l-uniku analiżi li għamlet kien li iffukat biss fuq l-Artikolu 73(5) tal-Kap. 452 moqri mal-Artikolu 80(1). Jgħid li tant hu hekk li osservat li "*Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn iż-żewġ provvedimenti huma biżżejjed biex ixejnu kull ħjiel ta' indipendenza u imparzjalita`, u dan fis-sustanza u mhux biss fil-perċezzjoni*". Jilmenta li l-ewwel Qorti ma setgħetx fuq analiżi daqshekk ridotta tasal biex tikkonkludi li kien hemm leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq.

Iżda kif irrispondiet il-*union*, fl-ewwel lok, minn qari tas-sentenza wieħed

jara kemm l-ewwel Qorti għamlet ampja referenza għall-ġurisprudenza Ewropea u mhux minnu li s-sentenza ma kinitx motivata. Fit-tieni lok lanqas ma jirriżulta minnu li l-ewwel Qorti ddeċidiet fuq in-nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita` abbażi biss taż-żewġ artikli ċitati. Hija, wara li esprimiet li tali artikoli huma biżżejjed biex ixejnu kull ħjiel ta' indipendenza u imparzjalita`, iddiskutiet ukoll il-kwistjoni dwar is-"*security of tenure*" tal-membri tat-Tribunal u anke l-prassi dwar il-pariri minn terzi, u sabet li fiċ-ċirkostanzi dawn ukoll kienu jimpinġu fuq id-dritt għal smigħ xieraq.

Dwar l-allegat żball ta' interpretazzjoni tal-artikoli tal-Kap. 452

L-Avukat Ġenerali jilmenta dwar l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti fir-rigward tal-Artikoli 73(5) u 80(1) tal-Kap. 452.

L-Artikolu 73(5) jipprovdi illi:

> "(*5) Fil-każi kollha li ma hemmx provdut dwarhom fis-subartikolu (4) li fihom il-Gvern, jew xi korp, jew kumpanija msemmija fl-Artikolu 80(3), ikunu parti, it-Tribunal għandu jkun magħmul minn-*
>
> *(a) chairperson li jiġi magħżul skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2);*
>
> *(b) membru magħżul miċ-chairperson tat-Tribunal mil-lista ta' persuni nominati mit-trade unions kif preskritt fis-subartikolu 3(b); u*
>
> (c) *membru li għandu jirrappreżenta l-interess tal-Gvern, jew tal-korp jew kumpanija involuti fit-tilwima ta' xogħol, li tkun persuna maħtura ad hoc mill-Ministru*."

L-Artikolu 80(1) jipprovdi illi:

> "*Fl-għoti tas-sentenza, deċiżjoni jew parir, it-Tribunal għandu jqis il-politika soċjali tal-Gvern bażata fuq prinċipji ta' ġustizzja soċjali u l-ħtiġijiet ta' kull pjan nazzjonali ta' żvilupp u politika ekonomika oħra tal-Gvern li jkunu qed jiġu mwettqa, u għandu jara li jiġi żgurat li s-sentenza, id-deċiżjoni jew il-parir tiegħu jgħinu t-twettiq ta' kull politika u pjani bħal dawk*."

L-ewwel Qorti fir-rigward tal-artikoli ċitati ikkummentat illi: "*mhux talli l-membru tat-Tribunal jiġi maħtur 'ad hoc' mill-gvern, talli l-liġi tippreskrivi li għandu jħares l-interessi tal-istess gvern*", u wkoll "*Mhux talli l-liġi f'dan il-kuntest ma tiggarantixxix kontra 'outside pressures' kif timponi kontinwament il-Qorti Ewropea, talli hija l-istess liġi li timponi l-istess 'outside pressures'*".

L-Avukat Ġenerali jgħid li l-Artikolu 73(5)(*ċ*) irid jinqara flimkien mal-Artikolu 73(5)(*b*). Jispjega li t-Tribunal Industrijali huwa bbażat fuq il-mudell Ingliż ta' "*balanced Tribunal*" u għalhekk huwa kompost minn persuni li huma ġejjin minn *backgrounds* differenti. Jispjega li "persuna li tirrappreżenta l-interess tal-Gvern" ma jfissirx li dejjem ser tiddeċiedi favur il-Gvern ikunu x'ikunu l-fatti, iżda tkun persuna li minħabba l-passat u l-isfond tagħha tkun f'pożizzjoni li tirrappreżenta l-fatti tat-tilwima ukoll mil-lenti tal-Gvern. *In oltre* jargumenta li bl-istess mod, abbażi tal-Artikolu 73(5)(*b*), ikun hemm membru fuq it-Tribunal li għandu sfond ta' trejdunjoniżmu li jkun ġej mill-*panel* nominat mill-*unions*, u għalhekk it-Tribunal huwa wieħed bilanċjat.

Fil-fatt l-Artikolu 73(3)(*b*) (li għalih jagħmel referenza l-Artikolu 73(5)(*b*)) jistipula li barra ċ-*chairperson*, iż-żewġ membri l-oħra tat-Tribunal:

> *"… għandhom jintgħażlu miċ-chairperson tat-Tribunal biex jirrappreżentaw, kemm jista' jkun indaqs, l-interessi fit-tilwima, minn fost żewġ listi ta' persuni maħtura mill-Ministru biex iservu bħala membri tat-Tribunal kull meta tinqala' l-ħtieġa, lista minnhom tkun magħmula minn persuni maħtura mit-trade unions rappreżentati fuq il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali u l-lista l-oħra tkun magħmula minn persuni maħtura minn assoċjazzjonijiet ta' prinċipali u organizzazzjonijiet oħra li jirrappreżentaw lil prinċipali rappresentati fuq il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali*."

Għalhekk minn dawk iż-żewġ listi ta' persuni maħtura mill-Ministru, dak il-membru li jissemma' fl-Artikolu 73(5)(*b*), ikun magħżul minn dik il-lista li tkun magħmula minn persuni maħtura mit-*trade unions* rappreżentati fuq il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali.

Iżda kif osservat il-*union*, apparti l-fatt li ġudikant għandu jkun "għami" għal min fil-fatt huma l-partijiet in kwistjoni, dan l-argument tal-Avukat Ġenerali li t-Tribunal huwa wieħed "bilanċjat" seta' forsi jreġi kieku l-membri l-oħra li jiffurmaw parti mit-Tribunal Industrijali għandhom imposti fuqhom l-istess obbligi u ċioe` li jirrappreżentaw l-interess ta' minn fejn ikunu ġejjin, iżda fil-fatt li l-uniku obbligu li ssemmi l-liġi f'dan l-artikolu huwa dak tal-membru tat-Tribunal li jirrappreżenta l-interess tal-Gvern (jew tal-kjorp jew kumpannija involuta fit-tilwima ta' xogħol). Anke jekk, kif jgħid l-Avukat Ġenerali, dan ma jfissirx li f'kull każ dan il-membru effettivament ser jiddeċiedi favur il-Gvern, madankollu dan l-obbligu, li tali membru, li hu

maħtur *ad hoc* mill-Ministru, "għandu" jirrappreżenta l-interess tal-Gvern, ċertament li jqajjem dubju serju dwar l-imparzjalita` ta' dak il-membru u għalhekk ukoll dwar l-imparzjalita` tat-Tribunal. Anke jekk soġġettivament ma hemm l-ebda indikazzjoni li tali persuna hija fil-fatt parzjali, id-dubju fih innifsu ċertament li qed inaqqas mill-fiduċja li Qorti għandha tispira f'soċjeta` demokratika.

Barra minn hekk, l-indipendenza tat-Tribunal trid li kull membru tiegħu jitmexxa biss mil-liġi u mill-kuxjenza tiegħu, u mhux li wħud mill-membri jirrappreżentaw l-interess ta' parti u oħrajn l-interessi ta' parti oħra.

Fir-rigward tal-Artikolu 80(1) l-Avukat Ġenerali jilmenta li l-ewwel Qorti interpretat il-ħtieġa li fl-għoti ta' kull sentenza, deċiżjoni jew parir, tittieħed in konsiderazzjoni l-politika soċjali u ekonomika tal-Gvern, bħala dettar da parti tal-leġiżlatur fis-sens li t-tilwima trid tiġi deċiża favur il-Gvern u allura jiġi li qed ikunu imposti "*outside pressures*" li jinkwinaw is-smigħ xieraq. Huwa jsostni li l-iskop ta' dan l-artiklu mhux dak, iżda li fl-għoti tas-sentenza t-Tribunal għandu jqis ukoll il-politika ġenerali li jkun miexi biha l-pajjiż fl-oqsma soċjali u ekonomiċi biex jiġi evitat illi d-deċiżjonijiet tat-Tribunal iġibu diżgwid fil-qasam soċjali u ekonomiku. Jargumenta li fil-fatt ma hemm xejn x'jipprekludi lit-Tribunal li jmur kontra l-politika soċjali u ekonomika tal-Gvern. Jaċċenna għall-fatt li huwa obbligat biss li "jqisha".

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kienet wisq kategorika meta ikkonkludiet li dan l-artikolu jimponi "*outside pressures*". Għalkemm dan l-artikolu jirrikjedi mit-Tribunal li huwa jqis il-politka soċjali u ekonomika tal-Gvern, dan ma jfissirx li b'daqshekk l-indipendenza tat-Tribunal qiegħda tkun kompromessa. Wara kollox f'materja ta' impatt soċjali bħal ma huma l-kundizzjonijiet tal-impjieg, ma jistax jingħad li hija irrilevanti l-politika soċjali tal-pajjiż.

L-ewwel Qorti ikkonsidrat ukoll il-kwistjoni tas-"*security of tenure*" taċ-*chairperson* u tal-membri tat-Tribunal.

<u>Ħatra ta' *chairpersons*</u>: Skont l-Artikolu 73(2)(*b*) il-Prim Ministru jaħtar *panel* ta' mhux aktar minn ħmistax-il persuna biex jagħmluha ta' *chairpersons* tat-Tribunal Industrijali wara konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali. Dawn il-persuni huma maħtura għal perjodi ta' mhux aktar minn tliet (3) snin mid-data tal-ħatra tagħhom u jistgħu jerġgħu jiġu maħtura mill-ġdid għal perjodi oħra li kull wieħed minnhom ma jkunx ta' aktar minn tliet snin. L-ewwel Qorti spjegat li dan il-perjodu ta' tliet snin huwa meqjus bħala wieħed qasir wisq biex jista' jingħad li hemm "*security of tenure*" u irreferiet f'dan ir-rigward għall-kawża

fl-ismijiet **Campbell and Fell v. UK**[4]. Huwa ovvju li aktar ma l-perjodu tal-ħatra jkun twil, aktar dak li jkun għandu sikurezza u għalhekk aktar indipendenza.

<u>Tneħħija ta' *chairpersons*</u>: Il-mod kif jitneħħa *chairperson* ukoll jiddependi mill-Prim Ministru: l-Artikolu 73(6) tal-Kap. 452 jipprovdi hekk:

> "(6) *Il-Prim Ministru jista' minn żmien għal żmien, kif jidhirlu xieraq u wara konsultazzjoni kif provdut fis-subartikolu (2), jibdel l-għamla tal-lista imsemmija f'dak il-paragrafu, iżda persuna li fil-fatt tkun qed isservi ta' chairperson tat-Tribunal għandha, minkejja t-tneħħija ta' isimha minn fuq il-lista, tibqa' hekk isservi fil-proċedimenti li fihom tkun qed isservi bħala chairperson sakemm jintemmu dawk il-proċedimenti u għall-fini tal-interpretazzjoni ta' kull sentenza mogħtija fihom*."

Għalhekk il-ħatra taċ-*chairperson* fih innifsu, u jekk dan jintemmx qabel it-terminu, jew jiġġeddidx, jiddependi mill-Prim Ministru. Iċ-*chairperson* huwa protett biss sakemm jintemmu l-proċedimenti li fihom ikun qed iservi. Anke jekk hu rikjest li għall-ħatra u għat-tneħħija tac-*chairpersons* il-Prim Ministru għandu jikkonsulta ruħu mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, finalment hija deċiżjoni tiegħu biss.

<u>Il-mod kif jitneħħew il-membri l-oħra tat-Tribunal</u> huwa spjegat fl-Artikolu 73(7):

> "(7) *Il-Ministru jista', minn żmien għal zmien, kif jidhirlu xieraq, jitlob nomini ġodda mingħand trade unions, assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (3)(b) u jista' jbiddel l-għamla tal-listi msemmija f'dak is-subartikolu skont hekk, iżda ebda*

[4]Deċiża fit-28 ta' Ġunju 1984

> *persuna li fil-fatt tkun qed tagħmilha ta' membru tat-Tribunal ma għandu jkollha isimha mneħħi mil-lista sakemm ikun hemm pendenti quddiem it-Tribunal proċedimenti li dwarhom tkun ġiet magħżula bħala membru*."

Għalhekk dan ifisser li fit-Tribunal Industrijali, il-membri, bħaċ-*chairpersons*, huma protetti biss sakemm jintemmu l-proċedimenti li fihom ikunu qed iservu. Kif rajna fl-Artikolu 73(3)(*b*) fuq ċitat, il-membri jkollhom isimhom fuq listi ta' persuni maħtura mill-Ministru, u huwa l-istess Ministru li jista' jneħħihom minn fuq il-listi mingħajr ħtieġa li jagħti raġuni.

Mhux inverosimili għalhekk l-argument tal-*union* li allura l-Artikolu 73 jippermetti lill-Ministru (jew Prim Ministru skont il-każ), li jimplimenta passi "pseudo-dixxiplinarji" fuq iċ-*chairperson* u l-membri tat-Tribunal: passi li ma huma soġġetti għal ebda reviżjoni jew ċensura.

Dwar il-pariri estranji għall-każ

L-Avukat Ġenerali jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti sabet li t-Tribunal Industrijali ma jiggarantix id-dritt għal smigħ xieraq peress li "*qiegħed jistrieħ fuq pariri u opinjonijiet mingħajr ma jagħti l-partijiet opportunita` li jikkummentaw dwarhom*". Jgħid li dan l-ilment kien purament ipotetiku u ma nġabet l-ebda prova li fil-każ odjern ittieħed xi parir legali barra l-kawża.

Dr Noel Vella[5] (Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impieg) xehed li "*ġieli kien hemm okkażjonijiet fejn it-Tribunal talab lid-Dipartiment biex jieħu*

[5] 19 ta' Novembru 2009, fol 22-23

*pariri mingħand terzi persuni … it-Tribunal jinnomina lil min irid u wara li dan is-servizz ikun ingħata, it-Tribunal jgħaddi l-invoice li permezz tiegħu ikun ħa jitħallas l-espert in kwistjoni, u … d-dipartiment iħallsu".*

Vincent Micallef[6] (Segretarju mat-Tribunal Industrijali) ippreżenta skeda ta' 9 paġni[7] li fiha hemm miġbura l-każijiet kollha quddiem it-Tribunal Industrijali u okkażjonijiet oħra fejn iċ-*chairperson* ikun mar għand terzi għal parir. Minn tmienja u disgħin (98) każ fejn inkisbu pariri minn estranji, ħamsa (5) biss ġew reġistrati. Xehed[8] li mir-riċerka li kien għamel ma sab verbalizzat imkien li t-Tribunal kien ser ifittex parir iżda jkun sar jaf bil-każijiet meta t-Tribunal jirċievi *invoice* għall-ħlas. Spjega li d-dettaliji li ppreżenta fid-dokument VM ikun ħadhom mill-*invoice* li jkun irċieva biex jieħu ħsieb li jħallas lill-persuna konċernata. Ikkonferma li "*Jiena kemm ili nieħu ħsieb jiena u cioe` għal dawn l-aħħar 15-il sena, ngħid illi qabel ma noħroġ il-ħlas skont l-invoice li tkun intbagħtitli, inġib il-konferma tac-chairman tat-Tribunal illi s-servizz ikun ingħata*".

Il-*union* tagħmel riferenza għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'**GWU v. Bank of Valletta Plc** deċiża nhar il-11 ta' Lulju 2011 fejn kienet ġiet dikjarata nulla s-sentenza tat-Tribunal minħabba li rriżulta li kien ħa

---

[6]Xiehda tat-18 ta' Frar 2010, fol 38
[7]Dok VM fol 29-37
[8]21 ta' Marzu 2012, fol 53

pariri mingħand Dr Hugh Peralta u Dr George Abela mingħajr ma kienu jafu l-partijiet. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili irriteniet li mhux biss ma kinitx ġiet osservata l-proċedura – Art 77(2) – iżda kien inkiser il-prinċipju tal-ġustizzja naturali – *audi alteram partem* – u dan għaliex iż-żewġ partijiet ma kellhomx leħen fil-proċedura. Sar appell u l-Qorti tal-Appell[9] osservat li l-parir tal-Av. Peralta kien iddaħħal fil-proċess, u kien magħruf mill-partijiet, iżda dak tal-Av. Abela le. Il-Qorti tal-Appell qalet li għalkemm huwa minnu li l-partijiet ma kellhomx l-opportunita` li jagħmlu osservazzjonijiet dwar l-opinjoni tal-Av. Abela, l-opinjoni tiegħu ma kellhiex influwenza fuq il-każ għax ingħatat wara li t-Tribunal kien wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Kien għal din ir-raġuni illi l-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell u ma ħassritx id-deċiżjoni tat-Tribunal.

Il-każ tallum pero` huwa differenti għaliex ma jirrigwardax parir partikolari li għalkemm mittieħed irregolarment ma kellu l-ebda influwenza fuq il-każ. Fil-każ tallum l-ilment huwa fuq il-prassi in ġenerali, u li x'aktarx ġiet segwita anke fil-każ tallum, li jittieħdu pariri minn wara l-kwinti u li l-partijiet ma jkunux jafu bihom. Irriżulta mix-xiehda li dan fil-fatt isir. Anke jekk fir-rigward tal-każ odjern ma nġabitx prova li fil-fatt ingħata parir, ma hemmx iċ-ċertezza li dan ma sarx f'dan il-każ ukoll u għalhekk ma hemmx dak is-serħan il-moħħ meħtieġ għal garanzija ta' imparzjalita` u indipendenza. Il-

[9] 27 ta' Marzu 2015

fatt li l-parir jinħeba mill-parti konċernata ifisser li din tkun fl-għama dwar tali parir, min tah, u fuq kollox mingħajr il-possibilita` li targumenta jew tirrbatti tali parir jew li toġġezzjona għall-imparzjalita` tal-persuna li tkun tat il-parir.

Meqjusa dawn il-fatturi kollha, l-Qorti tirrileva li l-fatt li ġudikant ikun maħtur mill-Gvern fih innifsu ma jfissirx li meta jkun qed jikkunsidra kwistjonijiet li jinvolvu l-Gvern dan se jagħti lok għal nuqqas ta' imparzjalita` u indipendenza. Il-fatt waħdu li t-Tribunal Industrijali huwa magħmul minn persuni maħtura mill-Gvern ma jfissirx li awtomatikament ser jinkiser id-dritt għal smigħ xieraq meta individwu ikun ivolut f'każ kontra l-Gvern, pero` dan dejjem sakemm jeżistu dawk il-garanziji li jassiguraw tali imparzjalita` u indipendenza tat-Tribunal[10]. Din il-Qorti hija tal-fehma li meta wieħed iqis fatturi bħall-mod kif iċ-*chairpersons* u l-membri jistgħu jitneħħew tant faċilment mill-Ministru jew Prim Ministru (skont il-każ), ir-rekwiżit tal-

[10]Ara: **Clarke v. United Kingdom** (ECHR. 25.08.2005)*"…the question is whether the district and circuit judges who determined the action at first and second instance (District Judge Daniel and Judge Rutherford respectively) were "independent and impartial", given that the action was against the Lord Chancellor's Department, and they had both been appointed by the Lord Chancellor.*
*The Court recalls that in order to establish whether a tribunal can be considered as "independent", regard must be had, inter alia, to the manner of appointment of its members and their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence. What is at stake is the confidence which such tribunals must inspire in the public.*
*As to the question of "impartiality", there are two aspects to this requirement. First, the tribunal must be subjectively free of personal prejudice or bias. Secondly, it must also be impartial from an objective viewpoint, that is, it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect."*

membru maħtur *ad hoc* biex jirrappreżenta l-interess tal-Gvern fir-rigward ta’ dawk il-każi li jsemmi l-Artikolu 73(5), u l-pariri li irriżulta li qed jingħataw wara l-kwinti u li dwarhom il-parti konċernata ma tistax tikkummenta, l-indipendenza u l-imparzjalita` tat-Tribunal Industrijali mhux talli ma jidhirx li qegħdin jiġu garantiti, talli *invece* qegħdin jitpoġġew fid-dubju u għalhekk qed jinkiser id-dritt għal smigħ xieraq kif protett taħt l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

<u>Dwar in-nuqqas ta’ appell</u>

L-ewwel Qorti finalment aċċennat għall-fatt li l-konsiderazzjonijiet kollha tagħha jassumu rilevanza ulterjuri meta wieħed iqis li d-dritt ta’ appell minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali hija limitata għal punt ta’ dritt.

L-Avukat Ġenerali jargumenta li l-proċedura stipulata fil-Kapitolu 452 diga` tipprovdi l-garanziji ta’ smigħ xieraq u għalhekk mhux rikjest mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li jkun hemm appell bilfors, iżda jsostni li hemm appell limitat fuq punt ta’ liġi.

Pero` kif aċċennat il-*union,* għalkemm appell limitat fuq punt ta' liġi huwa diġa` fih innifsu rimedju limitat, f'każ ta' tilwima industrijali (bħal ma hu l-każ li ta lok għall-każ odjern) fil-fatt ma hemm l-ebda appell.

U fiċ-ċirkostanzi, fejn qed jinstab li l-indipendenza u l-imparzjalita` tat-Tribunal huma dubjużi, dan in-nuqqas ta' possibilita` ta' appell ukoll ikompli jippreġudika d-dritt għal smigħ xieraq.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-Avukat Ġenerali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb